# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025**

**Numru 3**

**Rikors Numru 1214/2019**

**Violet A. Sammut (KI: 105381M)**
**vs**
**Air Malta p.l.c. (C-2685)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Violet A. Sammut (L-Attriċi) tat-18 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> Illi r-rikorrenti hija impjegata tas-socjeta` kummercjali AirMalta p.l.c u ilha hekk impjegata minn Mejju tas-sena 2001 fuq kuntratt definit illi nqalleb ghall-kuntratt indefinit fl-1 ta` April ,2005 u sussegwentement u mis-26 ta` Novembru,2012 bhala cabin crew, Illi l-impjieg tar-rikorrenti huwa regolat minn Ftehim Kolletiv. Illi dan kollu sejjer jigu ippruvat matul il-kors tal-kawza.
>
> Illi fil-15 ta` Frar 2018, r-rikorrenti kellha incident fuq il-post u cioe` waqt li l-istess rikorrenti kienet fuq titjira KM 466/7 (MLA-ORY-MLA), liema incident sehh interament u unikament stante responsabbilita` tas-socjeta intimata.

Illi dan l-incident sehh waqt illi l-istess esponenti marret taghti ghajnuna lill-passiggiera illi kellha bzonn l-ghajnuna u hekk kif ir-rikorrent tat din l-ghajnuna, il-passiggiera intelqet fuq l-istess rikorrenti bir-rizultat illi l-istess rikorrenti bdiet thoss ugiegh qawwi go daharha improvvizament izda l-passiggiera baqghet izomm mar-rikorrenti bir-rizultat illi l-ugiegh f` dahar ir-rikorrenti baqa` jizdied u jinfirex u nizel ghal sieq ix-xellugija tar-rikorrenti u tant kemm l-esponenti immedjatament hasset ugiegh qawwi bhala konsegwenza tal-istess incident illi ma setghetx ticcaqlaq u kellha tinghata assistenza hija stess fuq it-titjira taghha lura lejn Malta.Illi r-rikorrenti segwiet il-proceduri normali f`kazijiet ta` korriment fuq il-post tax-xoghol u ghamlet ir-rapport ( anness u market Dok. A) illi jiddeskrivi fid-dettall dak illi kien sehh waqt l-incident de quo u dak illi kienet batiet ir-rikorrenti.

Illi dan l-incident fuq il-post tax-xoghol sehh interament u unikament tort tas-socjeta` intimata.

Illi r-rikorrenti baqghet mugugha hafna ghal hafna zmien u, fil-fatt, hekk ghadha sad-data tal-prezentata tal-prezenti tant illi l-mobilita` u l-kwalita` tal-hajja taghha huma serjament ridotti.

Illi kwindi, wara l-incident( u hekk ghadha sal-lum), r-rikorrenti ma setghetx tirraporta ghax-xoghol izda minkejja dan, ghal numru konsiderevoli ta` gimghat wara l-incident de quo, l-istess socjeta` intimate baqghet tinkludi lir-rikorrenti fir-roasters tas-servizz tal-impjegati lili huma parti mill-cabin crew u baghet ukoll tipptretendi illi l-istess rikorrenti tirraporta ghax-xoghol fuq it-titjiriet, Dan ifisser illi l-istess socjeta` intimate injorant kompletament il-fatt illi l-istess rikorrenti kienet sofriet korriment fuq il-post tax-xoghol u illi ma kenitx fi stat illi tahdem.Illl, Inoltre, dan l-incident ikkaguna lir-rikorrenti debilita` peramenti.

Illi l-istess socjeta` intimate ghamlet talbiet lir-rikorrenti illi tissottometti ruhha ghal ezami mediku ghand Mr. Frederick Zammit Maempel u l-istess rikorrenti, interament minghajr pregudizzju, accettat tali talba sabiex turi l-buona fede taghha u sabiex turi illi, tabilhaqq, hija kienet ghadha f` pozizzjoni fizika tant prekarja illi ma setghtex tirraporta ghax-xoghol minghajr ma tkun ta` pregudizzju ghaliha nnifisha u ghall-kollegi kolha taghha u ghall-passigieri fuq it-titjira.

Illi l-imsemi Mr. Zammit Meampel, ossija l-ispecjalista ingaggjat mis-socjeta` intiamta sabiex jezamina lir-rikorrenti, ikkonkluda illi r-rikorrenti kienet tablihaqq mugugha, imma ma kellha l-ebda raguni ghalfejn ma tergax tibda rirraporta ghax-xoghol.

Illi din il-pozizzjoni giet pero totalment rigettata minn specjalista ingagjat mill-istess rikorrenti, Mr Massimo Abela, fejn l-istess Mr Abela sahaq illi tabilhaqq dan ma kienx il-kaz.

Illi Tant kemm dan ma kienx il-kaz ,illi l-istess rikorrenti kellha tikkonsulta ma` pain specialist, Dr Marilyn Casha, a spejjez interment taghha, illi hija

wkoll konsulenta fl-isptar Mater Dei, sabiex tkun tista` tnaqqas l-ugiegh taghha, liema ugiegh , mhux talli jaghmilha impssibbli li -protestanta tirritorna lura ghax-xoghol izda illi jaghmilha impossibli illi l-protestanta tghix hajjitha b` mod normali, tant illi , bhala konsegwenza tal-istess incident fuq il-post tax-xoghol, l-istess rikorrenti kellha taghmel erba` (4) interventi kirurgici u ghadha sad-data odjerna tbati hafna fil-mobilita taghha u prezentement qeghda tistenna appuntament ghal intervent iehor. Inoltre, dawn l-interventi, r-rikorrenti trid tibqa` taghmilhom hajjitha kollha sabiex hijs ttaffi l-ugiegh taghha.

Illi kwindi, m`hemm l-ebda dubju illi r-rikorrenti batiet incident fuq il-post tax-xoghol u liema incident jinkwadra ruhu perfettament fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17.2. tal-Ftehim Kollettiv milhuq bejn is-socjeta intimate u l-Union of Cabin Crew (“Ftehim Kollettiv”).

Illi cio nonostante, is-socjeta intimata qeghda tinjora bl-aktar mod car, manifest u sfiq il-Ftehim Kollettiv. Tabilhaqq, il-Ftehim Kollettiv jaghmilha cara illi):-

Employees, whether on probation or not who are injured as a direct consequence of their duties( including periods at outstation within the hotel precincts) and the injury is not attributable to culpable negligence of the respective employee,will be entitled to three years injury leave at full basic pay including allowance and weighted Units calculated at the average weighting of the roster at the particular month as originally issued by Flight Operations.

After four months from the date of payment the Company will make deductions equivalent to the benefits to which the employee is entitled from the Department of Social Security.

Employees may be detailed by the Company, at the latter`s complete discretion, to perform other ground duties provided that, such duties do not conflict with the recommendations made by the Company Medical Board. The employee will receive the substantive basic salary, Weighted Units and any applicable allowances.

When detailed as such and after three years, employees will be offered alternative employment and paid the full basic pay of their substantive grade excluding Weighted Units and all allowances unless the alternative duties entitle the employee to allowances and premia.

After two years the Company may conduct a medical review. Should this medical review determine that the employee will not be fit for any work within the following 12 months, then boarding out procedures will start immediately. The injury leave will terminate at the date of boarding out.
Illi s-socjeta` intimate kisret kull wahda minn dawn l-obbligazzjonijiet.

Illi, qabel xejn is-socjeta` intimate naqset milli taghti s-salarju ghal numru kbir ta` xhur lir-rikorrenti minn Mejju tas-sena 2018 sal-gurnata odjerna,

salv tlett pagamenti f` Ottubru tas-sena 2018, April u Mejju tas-sena 2019, illi kienu konsistenti biss f` salarju baziku, li lanqas dan, fil-fatt ma kien gust kif ser jigi spjegat u ippruvat fil-kawza.

Illi, inoltre, l-istess socjeta` intimata insitstiet illi r-rikorrenti tigi ezaminata minn tabib u dana wara xaharejn biss mill-akkadut. Inoltre baqghet tinsisti ghal hafna zmien sabiex isir dan l-ezami mediku u dana certament ma jinkwadrax ruhu fl-obbligu tal-impjegata illi tissottometti ruhha ghal ezami mediku wara sentejn mill-incident (paragrafu 5 tal-Klawsola 17.2).

Illi, inoltre, l-istess rikorrenti tilfet diversi beneficcji illi kieku ma sofrietx l-incident kienet tkun intitolata ghalihom, fosthom, bonuses, allowances u spettanzi ohrajn.

Illi, inoltre, is-socjeta` protestanta ghandha tosserva d-disposizzjonijiet tal-Ftehim Kollettiv u mhux tinjorahom bl-aktar mod sfiq qisu l-Istess Ftehim kollettiv ma jezistix.

Illi inoltre, u b` konsegwenza ta` l-Incident in Kwistjoni, rikorrenti soffriet dani konsistenti f` damnum emergens (liema danni jinkludu telf ta` salarji, telf ta` allowances, spejjez medici, telf ta` vaganza u hafna spejjez u danni ohrajn kif ukoll lucrum cessans stante d-debilita illi qeghda ssofri bhalissa u illi sejra tibqa ssofri ghal ghomorha stante illi din hija debilita permanenti u dan kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi r-rikorrenti taf b`dawn il-fatti personalment anke minhabba illi sal-lum, l-istess rikorrenti ghadha tbati b`ugigh illi ma jhallihiex tghix il-hajja ta` kuljum u dan kif jirrizulta mic-certifkati medici hawn annessi u markati Dok. B (illi huma whud minn ohrajn illi sejrin jigu prezentati fil-kors tal-kawza).
Illi s-socjeta` intimate giet interpellata, anke permezz ta` protest gudizzjarju bin-numru 56/2019 debitament noiifikat lis-socjeta` intimata, sabiex thallas id-danni lir-rikorrenti izda is-socjeta intimate baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment titlob lil-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata hija unikament responsabbli ghall-incident fuq il-post tax-xoghol illi sehh nhar it-15 ta` Frar 2018, f`liema incident ir-rikorrent sofriet danni konsistenti f` damnum emrgens u lucrum cessans:

2) Tiddikjara u tiddeciedi illi-socjeta intimate kisret il-Ftehim Kollettiv liema ksur tal-Ftehim Kollettiv ikkaguna danni u telf lir-rikorrenti;

3) Tiddikjara u tiddeciedi illi, kosengwentament, rikorrenti sofriet danni konsistenti f` damum emergens u lucrum cessans;

4) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti bhala konsegwenza ta` l-imsemmi incident, okkorendo bin-nomina ta` Periti nominandi;

5) Tikkundanna u tordna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-onorabli Qorti

   Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimate illi minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Air Malta Plc (is-Soċjeta' Konvenuta) tal-5 ta' Frar 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti u abbażi tal-fatti kif se jiġu esposti waqt is-smigħ tal-kawża;

2. Illi fl-ewwel lok, il-presunt inċident li seħħ waqt titjira nhar il-15 ta' Frar 2018 u li minnu tilmenta l-attriċi, ma seħħx, imqar remotament, b'ebda tort, ħtija, negliġenza u/jew traskuraġni tas-soċjetà konvenuta peress li l-istess soċjetà, bħala prinċipal, żgurat ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikli għall-ħaddiema u f'kull ħin żammet *a safe working environment* fuq dan il-post tax-xogħol;

3. Illi s-soċjetà konvenuta ma tat ebda struzzjoni, ordnat jew b'xi forma jew oħra ġiegħlet lill-attriċi teżegwixxi xi mansjoni, tagħmel manuvra, jew twettaq xogħol li ma huwiex kompitu tagħha, u/jew li tħaddem apparat jew li taġixxi b'mezz jew ieħor li seta' jipperikola s-saħħa u s-sigurtà tagħha, u għalhekk is-soċjetà intimata ma kkaġunat ebda danni lill-attriċi kif qed jiġi allegat;

4. Illi l-post tax-xogħol mertu ta' din il-kawża, ossia l-kabina tal-ajruplan, hija ambjent sigur, regolat, awditjat u mħaddem bi proċeduri preċiżi li dwar dan kollu s-soċjetà konvenuta tat lill-attriċi t-taħriġ kollu meħtieġ sabiex twettaq ħidmietha mingħajr periklu;

5. Illi huwa għalhekk iktar verosimili li kienet l-attriċi nnifisha li b'nuqqas ta' attenzjoni kkomportat ruħha b'ċertu mod li kkawżat inċident lilha nnifisha;

6. Illi f'kull ħin, is-soċjetà konvenuta aġixxiet skont il-liġi u skont il-klawżoli tal-Ftehim Kollettiv, u appuntat lill-konsulent ortopediku Mr Frederick Zammit Maempel sabiex jirrelata dwar il-presunt korriment tal-attriċi;

7. Illi l-konsulent mediku kkonkluda li Violet Sammut kienet tajba għax-xogħol xi żmien wara l-allegat inċident; dijanjosi li s-soċjetà esponenti ma kellhiex raġuni li tiddubita u b'hekk straħet fuqha;

8. Illi r-*rostered duties* li tirreferi għalihom l-attriċi inħarġu biss abbażi tal-eżami mediku li kien jiċċertifika lill-attriċi *fit to work*. Jingħad ukoll li dan ir-rostering kien wieħed temporanju u eventwalment l-attriċi ma baqgħetx iktar tiġi rostered peress li min-naħa tagħha irrifjutat li tidħol lura għax-xogħol;

9. Illi l-attriċi ippreżentat relazzjoni medika minn konsulent/i tal-fiduċja tagħha li jikkonfliġġu mal-analiżi medika tal-konsulent mediku tal-kumpannija, u l-istess attriċi rrifjutat li jiġi maħtur espert mediku indipendenti sabiex jirrelata dwar il-fatti tal-każ billi r-rapport li ġew ippreżentati lill-kumpannija kienu kunfliġġenti;

10. Illi oltre dan, l-attriċi stabilixxiet lista ta' kundizzjonijiet irrazzjonali li skontha s-soċjetà konvenuta kellha tissottometti ruħha għalihom jekk kemm-il darba jinstab qbil li jiġi kkonsultat espert mediku maqbul bejn iż-żewġ partijiet;

11. Illi s-soċjetà konvenuta imxiet in piena konformità ma' dak stabbilit fil-Ftehim Kollettiv li jirregola l-impjieg tal-attriċi u kif ukoll mal-*istaff handbook*, u għalhekk kull allegazzjoni ta' ksur tad-dispożizzjonijiet formanti l-istess, qiegħda tiġi kategorikament respinta;

12. Illi l-attriċi jidher li qiegħda tagħti interpretazzjoni żbaljata tal-Ftehim Kollettiv partikolarment dwar l-intitolament tal-*injury leave*. Kontemporanjament, is-socjetà intimata Air Malta plc teċċepixxi li dejjem ottemprat ruħha mal-Ftehim Kollettiv viġenti u dan bl-għarfien sħiħ tal-union li dejjem inżammet aġġornata u parteċipi f'numru ta' laqgħat dwar il-każ.

Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi inkluż dawk tal-kontro-protest u atti rilevanti oħra, u l-attriċi hija minn issa inġunta in subizzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet oħra ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Qrat u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti**

Ir-rikorrenti kienet impjegata bħala Airhostess (cabin crew) mas-Soċjeta' konvenuta minn minn Mejju tal-2001, b'dana li saret impjegata indifinittivament mill-1 ta' Aprtil 2005 u mis-26 ta' Novembru 2012 bħala Cabin Crew.

Fil-15 ta' Frar 2018 kienet fuq xogħlha fil-kwalita imsemmija fuq it-titjira minn Malta għall-Franza. F'dik it-titjira waħda mill-passiġiera kienet persuna nieqsa mill-mobilita' u ta' ċertu kobor u kien jidher ċar li kienet aflitta minn diversi kondizzjonijiet ta' saħħa.

Din il-passiġiera waqt it-titjira kien jeħtiġielha li tqum minn posta biex tmur it-*toilet*. L-Attriċi marret biex tgħina, hi minn quddiem wiċċha u kollega tagħha minn wara. F'mumet minnhom din il-passiġiera intlewiet, għotrot u tefgħet il-piż kollu fuq l-Attriċi. B'konsegwenza ta' hekk l-Attriċi ħasset skoss f'daharha u beda jkollha uġiegħ kbir waqt it-titjira sal-punt li kellha tibqa' bil-qegħda u saħansitra wara kellha tuża *wheel chair* biex niżlet mill-ajrupjan.

L-Attriċi tikkontendi li dan l-inċident seħħ tort uniku tas-Soċjeta' konvenuta li bil-konsegwenza li soffriet id-danni imma mhux biss, is-Soċjeta' konvenuta naqset li tonora l-ftehim kollettiv f'diversi ħlasijiet.

Għalhekk l-Attriċi għamlet din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

L-azzjoni għalkemm imnissla mill-istess fatti hija waħda mista fis-sens, li d-danni huma ta' natura estra-kuntrattwali (l-*actio aquliana*) inkwantu l-Attriċi qed taddebita lis-Soċjeta' konvenuta responsabbilita' *qua* principal (employer) taħt il-liġi, għaliex ma wrietx li għemilha kien wieħed skond il-

grad tal-*bonus pater familias* u danni kuntrattwali (*ex contractu*) inkwantu l-Attriċi qed titlob ħlas abbażi tal-ftehim kollettiv li s-Soċjeta' konvenuta ma onoratx.

*L-azzjoni aquilina*

**Punti ta' Liġi**

It-talba tal-Attriċi hija waħda għad-danni wara korriment fil-kors tax-xogħol. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali.

Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (ara Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII tal-2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta). Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18)).

Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala *"a safe system of work"* kemm jekk ix-xogħol qiegħed isir fuq il-post tax-xogħol u kif ukoll jekk fuq barra l-post tax-xogħol. Għalhekk jibqa' dejjem l-obbligu tiegħu li jipprovdi mezzi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat u dan skond l-Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol u ċioe' Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) (Ara **fost oħrajn Sentenzi fl-ismijiet John Sultana vs Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farrugia et noe, Appell Kummerċjali tas-7 ta'**

**Diċembru 1994 u Keith Caruana -vs- Joseph Paris et nominee tal-P.A. tat-12 ta' Frar 1999**) li jelenkaw b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem. Pero' wkoll "*Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994)."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim'Awla, 31 ta' Ottubru 2013**).

Aktar minn hekk fis-**Sentenza Carmelo Fenech vs Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla per Imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, ingħad hekk:

"*Illi d-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16)."*

B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh (Ara **App. Ċiv. tat-28 ta' April tal-2017 fl-ismijiet Tessie Cardona et -vs- C.V. Builders Ltd. et**).

Di piu' b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'l bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u dan skond art. 6(2) tal-Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk dan iġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem (ara **art. 6(3) tal-Kap 424**).

Dan ifisser illi daqstant ieħor huwa stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru tal-1981 fl-ismijiet Godfrey Borg -vs- George Wells et noe**).

Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema li jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-10 ta' Ottubru tal-1980 fl-ismijiet Calleja -vs-Fino**).

Huwa ta' importanza li jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-

obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nniffsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nniffsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 ta' Ottubru tal-2008 fl-ismijiet Richard Farrugia -vs- Elbros Construction Ltd**). B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru (Ara **Sentenza tal-P.A. tad-9 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

Irid ukoll jingħad li l-pożizzjoni f'każ ta' sinistri ta' din ix-xorta fuq il-post tax-xogħol, il-pożizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalenti taħt il-common law Ingliża. Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law ta' Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28**, intqal li fejn hemm kuntratt ta' impjieg "*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.*" Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks tas-27 ta' April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta' teħid ta' miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti wkoll dak li jingħad minn **Giovanna Visitini** fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: "*Passando a' considerare l'altra previsione dell'obbligo di sicurezza a' carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione giurisprudenziale che, gia alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell'obbligo contrattuale di titular l incolumita' dell'operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita' aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per l'infortunato*" (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996. pg 99**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, u għalhekk f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita'.

Pero' anke kieku ma kienx hemm dawn il-liġijiet, kif intqal tibqa' dejjem kundizzjoni impliċita li huwa min iħaddem li għandu l-piż tal-prova dwar il-prekawzjonijiet adegwati u konvinċenti li jkun ħa sabiex seta' ikun evitat l-inċident.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

L-ewwel u qabel kollox irid ikun stabbilit jekk l-inċident inkwistjoni seħħx tort tas-Soċjeta' konvenuta fil-kuntest ta' dak li jiddisponi l-Kodiċi Ċivili l-artikoli 1031 et sequens u anke tal-Kap 424 tal-liġijiet ta' Malta u r-regolamenti

ippubblikati bis-saħħa ta' Liġi. Wara li jkun stabbilit dan il-punt il-Qorti trid tqies jekk l-Attriċi soffrietx id-danni b'konsegwenza ta' dan l-inċident.

*L-inċident u r-responsabbilita'.*

Il-Qorti tagħmilha ċara li ma kienx faċli għaliha li tasal għall-konklużjoni, peress li minn riċerka li għamlet ma jidhirx li inċident bħal dan qatt ġie deċiż. L-Attriċi tirrakonta kif kienu kważi telgħu l-passiġiera kollha u fetħu l-bieb tal-galley ta' quddiem sabiex jidħlu bl-ambulift. Id-definizzjoni ta' ambulift "*a specialized ground support vehicle used at airports to facilitate the boarding and disembarking of passengers with mobility challenges"*. Jiġifieri bil-mod kif din il-passiġġiera ddaħlet fl-ajruplan kien jindika mill-ewwel li kienet passiġġiera bi problemi ta' mobilita' severa. Tant, li din il-mara kellha kurpett iswed ma daharha u kienu qed iżommuha żewġt irġiel, jew aħjar żewġ PRM assistants. Wieħed kien qiegħed iżommha minn wara u l-ieħor minn quddiem biex ma taqax.  Sakemm tasal fis-seat tagħha.

Waqt it-titjira l-Attriċi semgħet qanpiena ta' passiġġiera ssejjaħ għal servizz. Għalkemm kien imiss lill-kollega tagħha tara x'riedet għamlet sinjal li kienet sejra tara hi. Kienet din il-passiġġiera, kunjoma Grelon, kellha bżonn tkun assistita biex tmur it-*toilet*. Biex ħarġet tkaxkret mas-seat ta' quddiemha u ħarġet bi tbatija kbira sakemm żammet magħha. L-Attriċi għamlet sinjal lill-kollega tagħha biex tiġi tgħinha biex joħduha fit-*toilet* ta' quddiem għaliex żgur ma kinitx ser tasal sas-seat ta' wara. Din il-passiġġiera ma kinitx tiflaħ timxi u bdiet titfa' ħafna piż fuqha u tagħtiha ħafna skossi apparti li bdiet tisgħol f'wiċċha. Biex ma jerġgħux jieħdu kedda

poġġewha fuq quddiem f'row 2 fil-*club class*. Wara l-inċident, l-Attriċi bdilha l-uġiegħ u minn hemm l-istorja hija magħrufa (a' fol 40 u 41).

Charlene Aguis, kollega tal-Attriċi li kienet presenti għall-inċident tispjega li l-passiġġiera telgħet PRM jiġifieri *Person with reduced mobilit*y. Tikkonferma li telgħet fuq l-ajruplan bl-assistenza u li ma kien hemm ħadd qed jivjaġġa magħha. Tiftakar li din qamet għaliex kellha bżonn tagħmel *toilet*. Ix-Xhud kienet warajha, iżżommha mal-Attriċi. Meta l-passiġġiera żammet magħha l-Attriċi weġgħet dahrha (a' fol 100). Baqgħet miġgħuha f'dahrha (a' fol 101). Kienet baqgħet bilqeda fuq quddiem fis-seats tal-passiġġieri li mhux suppost (a' fol 104).

Charles Vincenti, b'34 sena esperjenza jtir, li jieħu ħsieb il-Cabin Crew jgħid, li din il-mara għal xi raġuni qelbet fuq naħa u tefgħet il-piż kollu fuq l-Attriċi. Jispjega li din waqgħet fuq quddiem, niżlet, għotrot għal quddiem. Dan jgħid ċar u tond li "*Ahna ma ahniex imharrga biex la nerfgħu, la biex inqandlu, xejn*," (a' fol 117 u 119). Qal ukoll lill-Attriċi biex toqgħod bil-qegħda għaliex bdiet tħoss l-uġiegħ, bit-tama li dan jgħaddilha pero' minflok l-uġiegħ beda jiżdidilha (a' fol 117).

Qabel ma l-Qorti tgħid dwar l-obbligu legali, ma jfissirx li ma hemmx l-obbligu naturali li ma tistax tħalli persuna f'dak l-istat anke jekk ma kellhiex dan l-obbligu legali. Kif ser jingħad, obbligu legali ma kellhiex pero' lanqas min-naħa l-oħra ma ser tgħid li għalhekk *imputet sibi,* għaliex il-kweżit legali mhux jekk hi kinitx legalment vinkolata li tati l-għajnuna, iżda jekk kellux ikun hemm il-mezz idoneju biex ma jsirx dan it-tqandil.

<u>*Il-vertenza legali*</u>

Minħabba l-fatti speċie legali ta' din il-Kawża huma partikulari, kemm minn dak li jirriżulta mill-atti u kif ukoll minħabba l-punt ta' liġi nvolut, din il-Qorti ser tittrataha b'mod differenti minn kawżi oħrajn ta' din ix-xorta ta' azzjoni.

L-ewwel ma jrid ikun ikkunsidrat hu, jekk is-Soċjeta' konvenuta kellhiex tagħmel xi ħaġa aktar biex ikun evitat li l-passiġġiera tkun imqandla mill-Attriċi. Issa f'dan ir-rigward din il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għar-regolament 4. (1) ta' L.S 424/18 li jiddisponi li min iħaddem "*Għandu jkun id-dmir ta' prinċipal li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u <u>f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.</u>*

*(2) Prinċipal għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajietu d-daqs tal-impriża.*

*(3) Prinċipal għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni utaħriġ kif meħtieġ:*

*Iżda għal dawn l-għanijiet, il-prinċipal għandu jipprovdi l-organizzazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol: Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, il-prinċipal għandu jkun attent għall-bżonn ta' aġġustament jewemenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-*

*saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu”* (Emfażi tal-Qorti). Di piu; Artiklu 36 tal-Ftehim kollettiv ukoll jiddisponi li “The company agrees to take care: of the health and safety of its employees at the workplace in conformity <u>with the relevant statutory regulations</u>” (a’ fol 174 emfażi tal-Qorti).

Issa fil-fehma tal-Qorti l-frażi pedamentali ta’ dan ir-regolament hi, li min iħaddem irid jieħu ħsieb li dak li titlob il-liġi ikun applikat <u>*f’kull aspett li għandu x’jaqsam max-xogħol.*</u> Issa ma għandu jkun hemm ebda dubbju li x-xogħol ta’ Air Hostess ilaqqagħha ma ħafna sitwazzjonijiet insoliti bħal ma huma emerġenzi, passiġġiera irraxxibbli, passiġġiera f’sokor jew ġlied bejn passiġġieri u ovvjament passiġġiera morda jew li waqt it-titjira jħossuhom ħażin. Li ma kienx hekk ma kienx isir taħriġ dwar sitwazzjonijiet bħal dawn mis-Soċjeta’ konvenuta (ara minn a’ fol 400 sa 405 tergo u Ara **Sentenza tal-1 ta’ Ġunju, 2022 fl-ismijiet Emmanuel Catania -vs- Palumbo Malta Shipyard Limited tal-Prim Awla per Imh Myriam Hayman**).

F’dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel terġa’ tirrileva li anke bil-mod kif din il-passiġġiera ttellgħet fuq l-ajruplan, meħud kont tal-fiżiku tagħha u l-mobilita’ limitata għall-aħħar tagħha, kien hemm indikazzjonijiet aprijoristiċi li juru li tul it-titjira jekk din kienet ser titlob għall-assistenza kien ser ikun hemm tqandil mhux tas-soltu. Mingħajr ma din il-Qorti ma trid tidher sessista, apparti li din tellgħuha bl-ambulift biex daħlet kellha tkun assistita minn żewġt irġiel.

Skond il-Manwal il-Kaptan għandu jkun infurmat minn qabel meta jkun hemm persuna b'mobilita' ridotta, bħal ma kienet il-passiġġiera inkwistjoni reg 8.2.2.1.6 (a' fol 618). B'dan kollu jirriżulta, li dan ma kienx il-każ, għalhekk il-crew flimkien mal-Kaptan ma kinux f'posizzjoni jippjanaw f'każ li din tkun trid tqum minn posta kif fil-fatt ġara.

Adrian Caruana, rappresentant tal-Union tal-cabin Crew jgħid ċar u tond "*Ahna we're not trained up, skuzawni ahna are not trained to handle them.*" *(*a' fol 293). Għalkemm jiftakar li kellu każijiet ta' dan it-tip ta' każijiet (a' fol 292 tergo). Anzi dan ikompli jispjega li "*meta jitla abbord sintendi jitla' ma' nies li huma trainjati għal dawk l-affarijiet, u jpogguh bil-qegħda so on and so forth. Dal-passiggieri hafna drabi li jkollna li jkunu jridu jqumu għat-toilet, haga jew ohra nassistuha għat-toilet"* (a' fol 293).

Id-dokumenti tat-taħriġ mogħti ma jindikaw imkien dwar *handling of passengers* with difficult mobility (a' fol 400 sa 406). Meta xehed Gianluca Galea fid-9 ta' Ottubru 2023 dan jgħid **li llum** jingħata training ta' "*passenger handling*".  Fost oħrajn anke kif tqandlu. Iżda jispjega, li meta jkun hemm passiġġiera li ma humiex mobbli **dawn għandu jkollom persuni speċjali trainjati għal dan l-iskop** għaliex finalment **ma hux obbligu tal-Cabin Crew li jqandel dawn ix-xorta ta' persuni.** (a' fol 575 tergo. L-emfażi tal-Qorti).

Bħal li kieku dan ma kienx biżżejjed Charles Vincenti, b' 34 sena esperjenza bħala Cabin Crew jgħid "*Bhala tahrig qatt ma tawna il-Kumpanija kif nihhendiljaw.* <u>*Dawk jihendiljawhom il-para medics nies*</u>

<u>*apposta*"</u> (a' fol 118 Emfażi tal-Qorti). Allura x'jiġri jekk din ikollha bżonn tmur it-*toilet*? Dan ix-xhud iwieġeb li "*Suppost din il-kumpanija għandha tiehu hsiebha b'mod specjali meta l-passiggier itir wahdu u b'with reduced mobility. Heqq ma nafx. Ma trid tinstema redikolu imma ggelgħlu tilbes harqa*". (a' fol 120). Jgħid ukoll li l-Attriċi niżlet l-ajruplan b'wheel chair (ibid). Lilhom kull ma jgħidulhom li għandhom PRM u xejn aktar (a' fol 121).

Meta l-Qorti qieset dan kollu ma tistax ma tagħmilx dawn l-osservazzjonijiet. Li sa minn meta telgħet fuq l-ajruplan il-passiġġiera inkwistjoni li kellha fiżiku kbir ma kinitx mobbli jew kienet minimament mobbli. La darba ttellgħet bl-ambulift u żewġt irġiel ġew detailed biex jassistuha toqgħod fis-seat, ma jistax ikun li s-Soċjeta' konvenuta ma kinitx taf bil-kundizzjoni tagħha. Li l-kaptan ma kienx avżat b'dan kollu biex ikun jista' jagħmel l-arranġamenti utili, bħal per eżempju toqgħod fuq quddiem qrib it-*toilets* kif fil-fatt ġara wara l-inċident. Li l-Attriċi fil-kwalita' tagħha ta' air hostess ma kinitx ingħatat taħriġ għal sitwazzjoni bħal din kif jirriżulta mill-atti u dan bi ksur tar-regolament *(2) għaliex Prinċipal* <u>*għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv*</u>*, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriża"* (Emfażi tal-Qorti). Dan biex ma jingħadx, li dawn ir-regolamenti jagħmlu emfażi partikulari fuq it-taħriġ li għandu jingħata l-ħaddiem. F'dan ir-rigward, kif emfasizzat aktar 'l fuq, dan it-taħriġ jidher li beda jingħata **wara** li seħħ l-inċident mertu ta'

din il-Kawża. Mid-dokumenti ta' taħriġ dwar sitwazzjonijiet li jistgħu jseħħu waqt it-titjira dan il-kwalita' ta' taħriġ ma jingħatax (a' fol 399).

Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li s-Soċjeta' Konvenuta għandha twieġeb għal dan l-inċident peress li setgħet tevitaħ kieku ħadet il-prekawzjonijiet li trid il-liġi. Ġaladarba, aċċettat li titrasporta lil din il-passiġġiera, kellha wkoll tipprovdi *paramedics* biex jassistuha f'każ ta' bżonn ta' tqandil. Huma dawn il-persuni mħarrġa biex jagħmlu dan ix-xogħol u mhux l-Attriċi, li ma għandha ebda obbligu li tagħmel dan.

Iżda kif preambulat fil-bidu dwar is-sitwazzjoni li għandha quddiemha, dan il-każ jippresenta fatti speċi pjuttost ambivalenti fejn tidħol responsabbilita' u ħsara li l-Attriċi tgħid li sofriet. Kif hu ormai risaput, ma hux biżżejjed għal min jagħmel din l-azzjoni li jipprova li s-sinistru seħħ tort ta' parti iżda jrid ukoll jiġi pprovat li hemm ness kawżali bejn l-att u l-ħsara u konsegwenti danni sofferti minn min qiegħed jagħmel il-kawża.

F'dan ir-rigward ġie osservat mill-awturi li "*Questions of remoteness arise in practice in two ways. First, it mat be argued that the accident itself was too remote from the defendant's act ... Secondly, it mat be said that, although the accident was caused by the defendant, some of the consequential loss or expense was not. This sort of question is liable to be made in the course of the medical treatment"* (Ara **Munkman On Damages for Personal Injuries and Death, 12th Ed, Lexis nexis, pg 15**). Il-Qorti ttendi biex taqbel, li it-tieni kategorija simili għal każ li għandha quddiemha.

Aktar minn hekk intqal li "*il requisito del nesso di causalita' di fatto, anche se la sua necessita' e' piu evidente nel caso di repsonasabbilita' personale, deve ricorrere anhe quando si risponde a' titolo di reponosabbilita' oggettiva ... In questi casi il rapporto di causalita' deve inter-correrere tra l'evento di danno e il fatto o la cos ache sono in collegamento con il responsabile*" (**Giovanna Visinti, Trattato Breve Della Responsabilita' Civile, 1996 Ed, Cedsam pg 583**). Il-Qrati tagħna jabraċċaw dan it-tagħlim fil-fatt huwa affermat illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile per danni fa mestieri che chi reclami l'indennizzo riesca a provare non solo l'atto o l'omissione colposa del denunciato, ma altresi che l'atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall'instante*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et", Appell Kummerċjali, tas-6 ta' Frar, 1928**).

Il-Qorti b'dawn il-prinċipji u tagħlim quddiem għajnejha, ħassitha xi ftit perplessa fid-dawl tad-diversi rapporti mediċi li jvarjaw minn sitwazzjoni medika li l-Attriċi soffriet danni permanenti għal oħrajn li ma għandha xejn minn dan kollu. Jekk din il-Qorti taċċetta r-rapport mediku tal-espert maħtura minnha, huwa ċar li ma hemmx ness kawżali bejn l-inċident u dak li tilmenta minnu l-Attriċi. Fi ftit kliem insibu rwieħna f'sitwazzjoni, fejn li minkejja s-Soċjeta' konvenuta trid twieġeb għall-inċident pero' xorta ma tweġibx għal dak li qed tgħid li għandha l-Attriċi.

Issa s-sitwazzjonijiet fejn jista' jingħad li s-Soċjeta' konvenuta ma għandiex twieġeb għal dak li qed tilmenta minnu l-Attriċi huma jekk xorta ma sofrietx

ebda danni jew jekk qed isofri xi danni dawn ma humiex attriwbibbli għall-inċident mertu ta' din il-kawża. Għalhekk il-Qorti ser teżamina dan kollu.

Jibda biex jingħad li l-Qorti mill-bidu ta' din is-Sentenza qalet li fejn is-soltu tibda biex tistabilixxi r-responsabbilita' u wara tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni, f'din il-Kawża ser timxi b'mod pekuljarju għall-aħħar. Dan għaliex fejn is-soltu r-rapport ta' espert maħtur minnha jittieħed in konsiderazzjoni in kwantu jkun diġa' stabbilit li d-danni huma marbuta mal-inċident, din id-darba ser tikkonsidra r-rapport tal-espert maħtur minnha u d-diversi rapporti ex parte biex tara jekk hemmx ness kawżali kif fuq spjegat fid-diversi Sentenzi.

*<u>In-ness kawżali</u>*

Jibda biex jingħad li t-tabib tal-familja tagħha li ilu jafha mill-1998 jgħid li qabel qatt ma ġiet għal uġiegħ bħal dan (a' fol 57). Dan jispjega kif taha diversi mediċini għall-uġiegħ pero' xorta baqgħet tilmenta. Raha t-tabib tas-Soċjeta konvenuta, Portelli Demajo, u ddikjaraha tajba biex tibda tattendi għax-xogħol minn data 'l quddiem, iżda xorta ma attendietx allura minn hemm 'l quddiem tniżżlet bħala assenti (a' fol 156 tergo).

Marret għand Mr. Massimo Abela li sab li din tassew kellha dannu fiżiku li kien kawża tal-uġiegħ (ara minn a' fol 8 sa 13). Tajjeb li jingħad li dan it-tabib ma xehedx f'din il-Kawża. Bil-kunsens tal-Attriċi nħatar Mr. Frederick Zammit Maemple li kkonferma li setgħet tidħol lura għax-xogħol (a' fol 295 tergo). F'dan ir-rapport l-imsemmi jgħid li 'there si no convincing evidence to corroborate nerve root irritation' u ma rriżultalux li kien hemm "... *any*

*significant inflammation in the spine or soft tissues surrounding it*" u jikkonkludi għalhekk li "*Ms Sammut sustained no permanent damae as a result of the index accident and is fit to return to her normal job as an airhostess*" (a' fol 602). Dan it-tabib ukoll ma tressaqx bhal xhud.

Joseph Pace, fiżjo-terapista gradwat Malta u jipposjedi post-grad fl-Orthpeadic Medicine u post-grad ieħor f'Diagnostic MSKR Athrography, jgħid hekk:

"*Evalwajna il-moviment tagħha vis-a-vis is-sitwazzjoni kollha li kienet għaddejja magħha, biex naraw is-sitwazzjoni tagħha ta' moviment kif inhu. Hareg risultat li għandna skond ir-rekords tiegħi kellha percentwal, dat-test għamilnih fis-27 ta' Mejju tal-2019 u l-percentwal tagħha huwa ta' 37 on 100"* Dan jirrapresenta l-function analysis (a' fol 67).

Dan ix-xhud jispjega li dan ifisser "*illi mhux qegħdha tuza is-sistema ta' motorili tagħha b'mod tajjeb*" (a' fol 69). L-uġiegħ kien pjuttost ġeneriku fl-ispina. (a' fol 67 tergo). Dan qal ukoll "*Insiba difficli biex nemmen ikun qed jigi għandi biex ikun qed jirrexta, jigifieri kienet tidher vizwalment distressed, kienet tidher vizwalment difficli biex tagħmel l-ezercizzju u jiena kont ngħinha biex tippersisti ..."* (a' fol 68 tergo). Pero' mingħajr ma ġie sollecitat biex iwieġeb, dan ix-xhud jgħid ukoll hekk "*Jiena għandi 26 sena esperjenza u b'erbgħa snin ohra esperjenza ta' student, jekk tagħrafx jew le l-verita; hija difficli Sur Imhallef".* Jgħid ukoll li jekk l-uġiegħ ikun psiko somatiku xorta jaffettwa ċ-ċaqliq etc.

Fid-dawl ta' dawn ir-rapporti u eżamiijiet mediċi pjuttost kontrastanti din il-Qorti fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2023, fuq talba tal-Attriċi ħatret lil Dr Cherylin Fenech, esperta fil-pain management sabiex tistabilixxi jekk l-Attriċi hux qegħda issofri minn diżabilita' permanenti u jekk huwa l-każ il-perċentwalita' ta' diżabilita' u tata wkoll il-fakulta li jkollha aċċess kemm għall-atti ta' din il-Kawża u kif ukoll għad-dokumenti oħrajn miżmuma minn xi Awtorita' tas-saħħa u għall-medical records li għandha fil-pusses tagħha xi Awtorita'.  F'dan l-istadju l-Qorti tirrileva, li f'din il-Kawża qatt ma tħarrek rappresentant ta' Mater Dei fejn is-soltu hija prova standard f'Kawżi ta' din ix-xorta, għalhekk fil-waqt li l-espert inkwistjoni kellha l-benefiċċju li tara dawn ir-records, la din il-Qorti u lanqas il-partijiet qatt ma kellhom (a' fol 409). Pero' l-anqas wara dan ir-rapport ħadd mill-partijiet ma ħass il-ħtieġa li jħarrku lir-rappresentant ta' Mater Dei.

Fl-14 ta' Frar 2023, din l-espert presentat ir-rapport, li anke kif jirriżulta mill-atti ma tantx niżel tajjeb mal-Attriċi mhux biss għaliex irrriservat id-dritt għall-ħatra ta' periti addizjonali iżda għaliex permezz ta' rikors datat 29 ta' Awwissu 2023, l-Attriċi għamlet rikors sabiex ir-rapport ta' din l-espert ikun sfilzat. Ir-raġunijiet għal din it-talba huma tnejn:

1. Fl-ewwel lok għaliex waslet għall-konklużjoni li d-diżabilita' li kienet qed issofri minnha l-Attriċi ma hiex attribwibbli għall-inċident li seħħ fil-15 ta' Frar 2018.

2. Għaliex meta l-espert aċċediet għall-istorja medika tal-Attriċi ma kellhiex għalfejn toqgħod tagħmel referenza għal kemm -il darba

daħlet l-isptar tilmenta minn uġiegħ varji fil-persuna tagħha għax ma kienx ta' interess biex ikun stabbilit jekk l-Attriċi hiex tbati minn disabilita' permanenti (a' fol 563).

Il-Qorti taqbel ma' l-Attriċi sa fejn jirrigwarda l-ewwel ilment u b'din l-istess Sentenza qed tordna l-isfilz ta' dik il-parti tar-rapport kif jingħad aktar 'l fuq. Il-Qorti għalhekk ser tkun qed tinjora dik il-parti tar-rapport daqs li kieku qatt ma intqalet.

Kwantu għat-tieni lment, din il-Qorti ma taqbel xejn ma' l-Attriċi. L-istorja medika tiġi presentata mhux biss biex ikun stabbilit jekk hemmx diżabilita' biss, iżda biex jiġi ukoll stabbilit, jekk tkunx tikkontjeni informazzjoni importanti oħra, bħal fost oħrajn jekk setax ikun hemm ċirkostanzi mediċi anteċedenti li jannullaw għal kollox ir-responsabbilta' ta' parti jew anke jamortizzawha.

L-istorja medika ta' parti fit-totalita' tagħha ġieli titfa' dawl fuq il-mertu ta' Kawża aktar minn kull prova oħra li tkun tressqet. Fis-**Sentenza fl-ismijiet Censina Robinson -vs- Josef Zerafa tal-20 ta' Mejju, 2021 Prim Awla [mhux appellata],** li ma kienx għall-fatt li ġiet esebita l-istorja medika tal-Attriċi f'dik il-Kawża, ħadd mill-partijiet ma kien ikun jaf li din kienet fi stat ta' sokor meta ġiet imtajra mill-konvenut u li għalhekk ma nstabx responsabbli għall-inċident. Fil-Kawża tal-lum, il-Qorti kienet tistenna lill-Attriċi tesebixxi din l-istorja, iżda għal raġunijiet li taf bihom hi biss, ma kienx jidher li kien fl-interess tagħha li din tkun esebita. Kieku ġiet hekk esebita,

anke l-Qorti kienet x'aktarx tieħu nota taċ-ċirkostanzi li kellha opportunita' tara l-esperta tal-Qorti.

L-espert mediku maħtur mill-Qorti Dr. Cherilyn Fenech ma sabet ebda, 0% diżabilita'. L-espert ex parte Marilyn Casha tgħid li ma taqbilx mar-rapport tal-espert tal-Qorti għaliex ħadd ma hu ser jieħu injections ġo daharu għall-kapriċċ (a' fol 433). L-espert tal-Qorti in eskussjoni bi fredezza u b'mod kliniku għall-aħħar tinsisti, li l-Attriċi qatt ma kellha bżonn sacroiliac injections (a' fol 436). Din tgħid ukoll li l-attivitajiet li ratha tagħmel huma pjuttost ta' persuna normali (a' fol 437 tergo). Din l-espert qalet ukoll li l-Attriċi kellha *straight leg raise*, li jfisser li "*there is no nerve entrapment"* (a' fol 438). Tgħid ukoll li l-Attriċi qabel ma ġara dan l-inċident diġa' kellha ħafna uġiegħ f'postijiet oħra. Jekk tmur tfittex fil-file tagħha tal-isptar marret daqqa għall-ispalla tuġagħha, daqqa għal żaqqa. Qabel ma kellha dan l-inċident kellha aċċident f'dahrha. Skond l-espert tal-Qorti, dan kollu jista' jindika li kienu episodji oħrajn ukoll ta' dan l-iskonfort. L-Attriċi hija mara ġejja u sejra l-isptar għax dejjem tħoss uġiegħ x'imkien (a' fol 438 tergo u 439).

Din il-Qorti ħasbet u qieset sewwa ċ-ċirkostanzi u tfakkar li artikolu 681 tal-kap 12 tal-Liġijiet ta' malta jiddisponi li *"Il-qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni tagħha nfisha".* Bħala prinċipju *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, jiġifieri li l-konklużjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux sempliċi opinjoni jew suspett. Huwa minnu li skond l-Artikolu 681 tal-

Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex vinkolata jew marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bħal materjali istruttorji oħrajn huma kontrollabbli mill-ġudikant, kontra l-konvinzjoni tagħha nniffisha. *"Dan pero` ma tistax tagħmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami".* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et nomine", Appell, 29 ta' Mejju 1998**). Anzi, ġie wkoll sewwa ritenut illi "*f' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz għall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss għax ma kellux il-mezzi għad disposizzjoni tiegħu biex serenement jinoltra ruhu fl aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll għaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal għal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu għalih l-esperti minnu nominati*" (Ara **Sentenza fl-ismijiet Benjamin Camilleri nomine -vs- Charles Debattista nomine, Qorti tal-Appell, tad-9 ta' Frar 2001**).

Issa b'dan it-tagħlim quddiem għajnejha ssib li għanda għalfejn toqgħod fuq il-konklużjonijiet tal-Perit minnha maħtur. Qabel xejn, bħal ma hemm rapporti mediċi li jgħidu li l-Attriċi għandha l-ħsara kien hemm ukoll oħrajn, fosthom ta' tobba li waqitilhom żokorthom fil-qasam, li stabbilew il-kuntrarju u allura jaqblu mal-espert tal-Qorti. Iżda wkoll għaliex ma jidhirx li l-Attriċi tbati minn uġiegħ li mhux bil-fors marbut mal-inċident mertu tal-kawża.

Qabel xejn l-istorja medika tagħha tidher li tindika li l-Attriċi kellha diversi drabi li kienet tmur l-isptar għal uġiegħ f'partijiet ta' ġisimha qabel ma seħħ l-inċident mertu tal-kawża.

Li ta' spiss kienet tilmenta minn uġiegħ jirriżulta anke minn provi li tressqu fil-Kawża. Jirriżulta li fit-28 ta' Ottubru 2005 diġa' kellha lment simili mas-Soċjeta' konvenuta u dwar uġiegħ probabbilment minn "*cervical ribs*" (a' fol 533). Fl-4 ta' Novembru 2005 ilmentat li kien jeħtieġ li tevita "*any manual handling work such as shifting of heavy files, lifting and any other activities that place a load on her neck, arms and wrists*" (a' fol 535). Meta daħlet lura għax-xogħol fil-25 ta' Novembru 2005 jingħad li *'... still complains of ... bilateral neck pain.'* (a' fol 544). Fid-9 ta' Dicembru 2005 reġgħet kellha problemi ta' saħħa għalhekk saritilha referenza għal quddiem il-Bord Mediku. Fis-16 ta' Diċembru 2005 dan il-Bord ikkonkluda li l-attriċi "*is still in pain*" (a' fol 551 u 552). Jiġifieri huwa ċar, li l-Attriċi kienet familjari sewwa ma dan ix-xorta ta' uġiegħ, tant li dakinhar tal-inċident l-Attriċi tgħid li meta beda jiżdidilha l-uġiegħ marret iġġib xi pilloli tal-uġiegħ mill-hand bag tagħha biex ngħidu hekk "*at hand*". Kellha Sachet Keral (a' fol 43).

It-tabib maħtura mill-Qorti apparti li ma sabet ebda diżabilita' tgħid li meta tkun miġugħha tieħu l-panadol jew keral għall-uġiegħ (a' fol 425). In kontro eżami l-Attriċi tispjega li dan huwa trab li tħalltu mal-ilma għall-uġiegħ, għalkemm tgħid ukoll li dan ma tieħdux kuljum (a' fol 612 L). Imma l-Qorti tifhem li min ma jkunx afflitt bl-uġiegħ b'mod regolari ma jġorrx din il-mediċina miegħu bħal ma tagħmel l-Attriċi.

Għalhekk il-Qorti taqbel mar-rapport tal-esperti minnha maħtura u kwindi ma tistax issib li bejn l-inċident li seħħ fil-15 ta' Frar 2018 u d-danni li tgħid li qed isoffri l-Attriċi hemm rabta. Iżda qabel kollox fid-dawl tar-rapporti peritali, l-Attriċi ma għandha ebda danni.

_Danni ex contractu_

Issa l-Qorti ma tistax tara kif tista' issib lis-Soċjeta' konvenuta responsabbli għad-danni kuntrattwali fid-dawl tar-raġunament fuq imsemmi. Għalkemm is-Soċjeta' konvenuta hija responsabbli għall-inċident li seħħ fil-15 ta' Frar 2018, ġaladarba l-Attriċi ma sofriet ebda danni b'konsegwenza tal-inċident, ma jistax ikun li kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali mis-Soċjeta' konvenuta di fronte tal-Attriċi. L-effetti ta' artikolu 36 tal-ftehim kollettiv jiskattaw biss mhux għaliex ikun seħħ inċident iżda għaliex ikun ġab miegħu danni fuq il-persuna tal-ħaddiem. Issa f'dan il-każ danni ma kienx hemm għalhekk ma hemmx ksur.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti.

**Tilqa' l-ewwel talba** Attriċi biss sa fejn qed tintalab dikjarazzjoni li s-Soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident fuq il-post tax-xogħol illi seħħ fil-15 ta' Frar 2018, pero' tiċħadha inkwantu l-Attriċi qed

titlob li minħabba f'hekk hi sofriet danni konsistenti *f'damnum emergens* u lucrum cessans.

**Tiċħad il-bqija tat-talbiet** Attriċi.

Spejjes tal-Kawża kwantu għal tlett kwarti (3/4) għall-Attriċi u kwantu għall-kwart (1/4) għas-Soċjeta' konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**